# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 668/82DS**

Carmelo sive Charles Camilleri, u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 1992 stante l-mewt ta' l-attur fil-mori tal-kawza l-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria Theresa mart Carmel Falzon u Carmelina mart Carmel Borg u f'isem Rosa armla ta' l-istess Carmelo sive Charles Camilleri bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u uzufruttwarja ta' l-assi ereditarju tal-mejjet zewgha Carmelo sive Charles Camilleri
vs
Carmelo sive Charles Dimech, Jude Taddeo sive Teddy Schembri, Joseph Cesare u Michael Cassar

Illum, 25 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Gunju 1982 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fiz-zmien li kienu mpjegati ma l-attur bejn l-1980 u l-1981 l-erbgha konvenuti lkoll flimkien u b'rizoluzzjoni wahda kkommettew serq ta'

kwantita konsiderevoli ta' fliexken tal-birra mimlija u kaxxi relattivi, propjeta' ta' l-istess attur, kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi tali agir illegali da parti tal-konvenuti ikkaguna danni ingenti ghad-detriment ta' l-attur, liema danni jikkonsistu specifikament fil-valur intrinsiku tal-fliexken tal-birra u kaxxi relattivi misruqa mill-konvenuti, kif ukoll fit-telf ta' profitti li kien hemm mill-eventwali bejgh ta' l-oggetti misruqa, kollox kif jigi ampjament pruvar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi nonostante diversi talbiet da parti ta' l-attur lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnhom hekk kagunati lilu, dawn naqsu u baqghu inadempjenti.

talab li din il-Qorti, prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-konvenuti fil-fatt b'rizoluzzjoni wahda serqu kwantita` ta' fliexken tal-birra mimlija u kaxxi relattivi proprjeta` ta' l-attur, ghar-ragunijiet imsemmija:

1. tiddikjara lill-konvenuti <u>in solidum</u> bejniethom ai termini ta' l-Artikolu 1092 – 1093 tal-Kodici Civili ghad-danni minnhom hekk kagunati lill-attur talli dolozament u b'rizoluzzjoni wahda serqulu kwantita' ta' fliexken tal-birra mimlija u kaxxi relattivi.

2. tillikwida dawn id-danni hekk sofferti mill-attur, konsistenti fil-valur intrinsiku ta' tali fliexken tal-birra u kaxxi misruqa u fil-profitt konsegwentement mitluf fuq tali ammont ta' oggetti misruqa, okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenuti <u>in solidum</u> bejniethom, similment ai termini ta' l-artikolu 1092 – 1093 tal-Kodici Civili, jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata in forza tat-tieni domanda ta' din ic-citazzjoni bhala rappresentanti l-ammont ta' danni kagunati mill-konvenuti lill-attur kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, lkoll ongunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Cassar fejn qal:

Preliminarjament l-attur irid jipprezenta prospett dettaljat tal-pretenzjoni tieghu bin-numru ta' kaxxi tal-birra allegatament misruqa u l-ammont relattiv;

Illi fit-tieni lok fil-konfront tal-eccipjent it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt billi huwa bl-ebda mod m'ghandu jirrispondi ghad-danni konsekwenzjali reklamati mill-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo sive Charles Dimech fejn qal:

Illi preliminarjament din l-istanza hi insostenibbli billi l-attur kien hafer lill-eccipjenti u b'hekk ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodici Civili dwar il-mahfra;

Illi inoltre l-attur irid jipprova s-solidarjeta bejn l-eccipjenti;

Illi l-attur ghandu jipprezenta rendikont dettaljat tal-pretenzjoni tieghu fil-konfront tal-eccipjenti;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jude Taddeo sive Teddy Schembri fejn qal:

Illi qabel xejn l-attur ghandu jipprezenta rendikont dettaljat tal-pretenzjoni tieghu;

Illi fit-tieni lok l-attur irid jipprova s-solidarjeta bejn il-konvenuti;

Illi inoltre l-attur kien hafer lill-esponent u b'hekk ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili dwar il-mahfra tad-djun;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Cesare fejn qal:

Illi huwa ma' kkommettiex serq ghad-dannu tal-attur.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-3 ta' Dicembru 1982 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-2 ta' Frar 1987 fejn ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Rudolph Saliba;

Rat id-digriet tal-11 ta' Ottubru 1988 fejn, stante l-mewt ta' l-Avukat Dottor Rudolph Saliba fil-mori tal-kawza, gie sostitwit ghalih l-Avukat Dottor Mark Chetcuti;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fid-29 ta' Novembru 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Qabel ma jigi kkunsidrat il-mertu ta' din il-kawza, il-Qorti se tikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti:

<u>L-eccezzjoni tal-konvenuti Dimech u Schembri dwar il-mahfra tal-konvenut</u>

Hawn il-Qorti tghid mill-ewwel li din l-eccezzjoni hi insostenibbli. Difatti l-mahfra fil-kamp kriminali ghall-finijiet ta' piena hi indipendenti mill-mahfra fil-kamp civili. L-artikolu 26 tal-Kap 9 ighid testwalment:

> *"(1) Il-kundanna ghall-pieni stabbiliti mil-ligi titqies dejjem li giet moghtija bla hsara tal-azzjoni civili".*
>
> *(2) Il-grazzja li tbiddel jew tahfer piena moghtija skond il-ligi, thalli shih il-jedd ghall-azzjoni civili".*

Mela l-konsegwenzi civili naxxenti mir-reat kriminali jibqghu impregudikati. U biex ikun hemm mahfra tad-dejn f'sens civili, dan irid ikun jidher li sar b'mod car u inekwivoku ghalkemm mhux necessarjament bil-miktub (ara Appell Civili **Cassar vs Xuereb** deciz fil-15 ta' Frar 1995 li saret riferenza ghaliha mill-perit legali). Fil-kaz in ezami dan ma jirrizultax. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda.

<u>L-eccezzjoni tal-konvenuti Dimech u Schembri dwar solidarjeta`</u>

Fir-rigward ta' din l-eccezzjoni dawn il-konvenuti jsostnu li s-solidarjeta` bejn il-konvenuti trid tigi ppruvata. L-artikolu 1049(1) tal-Kodici Civili

jipprovdi: *"Meta tnejn min-nies jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghal hlas ta' dik il-hsara hi in solidum"*. Kif tajjeb irrimarka l-perit legali, il-prova tal-hsara doluza trid issir mill-attur u dan jikkostitwixxi l-mertu tal-kawza. Stabbilita dik il-hsara, tezisti s-solidarjeta`.

<u>Il-mertu tal-kaz</u>

L-attur qed jallega li l-konvenuti serqulu kwantita` ta' birra waqt li kienu impjegati mieghu. Hu jghid li nduna b'dan meta f'Novembru 1980 kien mar klijent ghandu ghall-gharrieda u talbu xi kaxxi tal-birra u meta hattew *pallet* sab fliexken nieqsa jew vojta ppustjati b'tali mod illi ma tindunax bin-nieqes jekk ma thottx il-kaxex. L-ghada qamet glieda bejn il-konvenuti Cesare, Cassar u Dimech u jidher li Cesare uza xi mus. Wara li kecca lil Cesare, l-attur jallega li Cesare ammetta mieghu li flimkien ma' Cassar u Dimech kienu jisirqu zewg kaxex f'kull vjagg. Iktar tard Dimech ammetta mieghu wkoll u qallu li Schembri kien ghallimhom. Zied ighid li meta gew interrogati mill-Pulizija, Cesare u Dimech ammettew is-serq quddiemu filwaqt li Cassar u Schembri baqghu jinnegaw.

Mart l-attur ikkonfermat li meta Cesare tkecca, dan ammetta li kienu jisirqu l-kaxex tal-birra u li Dimech kien jiehu d-doppju taghhom mill-qliegh li kienu jaghmlu. Meta zewgha affronta lil Dimech hi kienet prezenti u dan ammetta li kien partecipi fis-serq.

Mill-prospett Dok. P1 esebit mill-attur jidher li l-impjieg ta' Cesare, Cassar u Schembri ntemmilhom f'Novembru 1980 filwaqt li dak ta' Dimech intemm f'Jannar 1981. Il-perit legali osserva li ma rrizultatx cara l-kawza tat-temm tal-impjieg, cioe` jekk kinux in-nuqqasijiet jew il-glieda li qamet, oltre li ma giex spjegat ghaliex l-impjieg ta' Dimech intemm f'Jannar. Inoltre l-attur wera diffikulta` biex jistabilixxi bi precizjoni n-nuqqasijiet li sofra. Dan apparti l-fatt li kellu diversi impjegati ohra.

Cesare u Cassar ma xehdux f'din il-kawza izda Schembri u Dimech ghamlu affidavit fejn innegaw li kellhom xi sehem fl-allegat serq. Dimech isemmi l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija u jghid li gie mhedded li jekk jibqa' jsostni li ma kellux x'jaqsam fis-serq kien ser jibqa' arrestat. It-tnejn jitfghu dubji fuq l-allegazzjonijiet ta' l-attur minhabba n-nuqqas ta' prova tat-telf kif ukoll minhabba li l-attur kien sofra telf kbir meta kellu incidenti bit-trakkijiet tax-xorb.

Il-perit legali ssottometta li l-provi ta' l-attur wahedhom ma jissodisfawx l-*onus probandi* rikjest mil-ligi. Pero` mal-provi ta' l-attur gew esebiti tliet *statements* ta' Schembri, Dimech u Cesare li saru f'Marzu 1991 fid-Depot tal-Pulizija. Dawn l-i*statements* ghalkemm mhux guramentati huma ffirmati mit-tliet konvenuti msemmija u jikkorroboraw kwantu qed jigi allegat mill-attur. L-Ispettur u Surgent li nvestigaw il-kaz ikkonfermaw li saru quddiemhom u saru volontarjament. Hadd mit-tliet konvenuti ma jitkellem dwar dawn l-i*statements* hlief tentattiv fjakk fuq imsemmi tal-konvenut Dimech dwar l-allegat theddid. Jekk kien hemm theddid Dimech seta' jimpunja l-i*statement* tieghu fil-Qorti fil-proceduri kriminali li ttiehdu u mhux jistenna kwazi ghoxrin sena biex jaghmel din l-allegazzjoni.

Il-Qorti tosserva hawn li l-konvenuti Dimech u Schembri ghamlu tentattiv ahhari wara li gie mahluf ir-rapport tal-perit legali biex jigu sfilzati l-i*statements* taghhom kif ukoll il-kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 30 ta' Ottubru 1981 u moghtija fil-konfront taghhom u l-konvenut l-iehor Joseph Cesare. Din it-talba giet michuda bid-digriet tal-Qorti tat-2 ta' Mejju 2001.

Dwar l-i*statements* jinghad li s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 632 tal-Kap 12: *"Kull dikjarazzjoni maghmula mill-parti kontra taghha nfisha, u kull kitba ohra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistghu jingiebu bi prova"* . Ghalhekk dawn l-i*statements*, li gie kkonfermat minn zewg xhieda li saru mill-istess konvenuti, jikkostitwixxu prova valida skond il-ligi u ma ngabet l-ebda prova li setghu saru kontra r-rieda taghhom, bi vjolenza, b'theddid jew b'xi promessi ta' favuri. Ghalhekk m'hemm xejn li jinficjahom. U dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, ir-rilevanza taghha tirrigwarda l-allegata mahfra ta' l-attur li ghaliha saret riferenza aktar 'il fuq.

Dwar l-i*statements* il-perit legali jghid li ma jhallux dubju, lanqas ragonevoli, li t-tliet konvenuti li ghamlu dawn l-i*statements* kienu komplici flimkien fis-serq kommess ghad-dannu ta' l-attur. U bhalma hu maghruf fil-kamp civili hija bizzejjed il-prova *on a balance of probability*. Il-perit legali jispjega li Cesare jimplika mieghu kemm lil Dimech kif ukoll lil Schembri. Dimech jammetti s-serq u jimplika mieghu lil Cesare u lil Schembri. Schembri jammetti ukoll is-serq u jimplika mieghu lil Dimech u Cesare. Dwar Cassar ighid li ghalkemm gieli hadem maghhom fuq it-trakk ma jafx jekk qattx ippartecipa maghhom fis-serq u tqassim ta' profitti.

Il-perit legali kkonkluda li dawn l-i*statements* inehhu kull dubju li l-allegazzjoni attrici timmerita li tigi milqugha in kwantu l-konvenuti Dimech, Cesare u Schembri kienu dolozament jiehdu kaxxi tal-birra proprjeta` ta' l-attur u jbieghuhom bi profitt ghalihom u b'detriment ghall-attur. Dwar il-konvenut Cassar pero` ma ngabux provi bizzejjed li juru li kien b'xi mod involut. Difatti Cassar ma ammetta xejn la mal-Pulizija (u difatti lanqas ittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu) u lanqas ma' l-attur, u l-konvenuti ma semmewhx fl-i*statements* taghhom. Ix-xiehda ta' l-attur li Cesare qallu li Cassar kien miftiehem maghhom u mhux konfermata minn Cesare li ma xehedx f'dawn il-proceduri mhijiex ovvjament prova sufficjenti.

Minn ezami akkurat tal-provi migbura l-Qorti hi tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb u gust tal-provi li resqu l-kontendenti u applika korrettement il-principji ta' dritt li jirregolaw dan il-kaz. Ghalhekk taqbel mal-konkluzjonijiet tieghu. Fil-fatt mill-assjem tal-provi hija evidenti l-kompartecipazzjoni tat-tliet konvenuti Dimech. Cesare u Schembri fis-serq in kwitsjoni u, a tenur ta' l-artikolu 1049(1) tal-Kodici Civili sucitat ghandhom jinzammu solidalment responsabbli ghan-nuqqasijiet li sofra l-attur.

<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>

Skond il-prospett Dok. A esebit mill-attur jidher li qieghed jippretendi s-somma ta' Lm1626.33,6 bhala danni, somma li huwa kkwantifika fuq perijodu bejn Marzu meta gie mpjegat il-konvenut Schembri, sa Novembru meta kemm Schembri kif ukoll Cesare spiccaw mill-impjieg.

Kif tajjeb osserva l-perit legali, l-attur pero` ma rnexxilux igib prova cara ta' kif wasal ghall-konkluzjoni li minn Marzu kienu qed jinsterqulu tmintax-il kaxxa birra fil-gimgha meta l-ewwel darba li nduna bit-telf b'mod car kien f'Novembru. Ghalhekk huwa bbaza l-kalkoli tieghu fuq il-figura msemmija fl-i*statements* tal-konvenuti stess, jigifieri li kienu jisirqu madwar tnax-il kaxxa fil-gimgha. Dwar id-data meta beda s-serq, billi t-tliet konvenuti gew impjegati f'xhur differenti ta' l-istess sena, huwa ssuggerixxa li l-komputazzjoni ssir minn Mejju meta kien hemm almenu tnejn miz-zewg konvenuti diga` impjegati.

Dwar id-danni likwidati l-partijiet ma ghamlu l-ebda osservazzjoni. Pero`, galadarba l-perit iddikjara li kien se jikkonsidra perijodu b'effett minn Mejju, il-komputazzjoni trid tinhadem hekk:

| | |
|---|---|
| 1 gimgha x 12-il kaxxa kull gimgha x Lm1.67 | Lm 20.04 |

| | |
|---|---|
| 12-il kaxxa b'16-il flixkun kull kaxxa (192 flixkun) | Lm 3.84 |
| | |
| 32 gimgha x 12-il kaxxa kull gimgha x Lm2.00,6 | Lm770.30 |
| 384 kaxxa b'sittax-il flixkun kull kaxxa (6144 flixkun) | Lm122.88 |
| | -------------- |
| | Lm917.06 |
| | -------------- |

Ghalhekk il-konvenuti Dimech, Cesare u Schembri jridu jhallsu lill-attur solidalment bejniethom din is-somma ta' Lm917.06 salv id-drittijiet taghhom fil-konfront ta' xulxin, konsiderat b'mod partikolari l-fatt li l-konvenut Dimech kien ilu impjegat biss hdax-il gimgha qabel ma gie skopert is-serq li kien qed isir.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Michael Cassar u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, izda tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tat-tliet konvenuti l-ohra u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenuti Carmelo sive Charles Dimech, Jude Taddeo sive Teddy Schembri u Joseph Cesare responsabbli in solidum bejniethom ai termini ta' l-artikoli 1092 – 1093 tal-Kodici Civili ghad-danni minnhom kagunati lill-attur talli dolozament u b'rizoluzzjoni wahda serqulu kwantita` ta' fliexken tal-birra mimlija u kaxex relattivi,
(2) tillikwida d-danni hekk sofferti fl-ammont ta' Lm917.06, u
(3) tikkundannahom ihallsu lill-attur dan l-ammont ta' Lm917.06 in solidum bejniethom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Dimech, Schembri u Cesare.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**